SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tieni laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar l-Erbgha, 11 t' April 2012 fil:5:30 ta' filghaxija fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

*Preżenti:*

*Sindku:* Anthony Formosa

*Vici Sindku:* *Anthony Cassar*

*Kunsilliera:* Michelina Mercieca
John Mercieca
Rose Vella

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Rendikont tal-progetti pendenti**

Is-Sindku ta rendikont tal-progetti pendenti fosthom:

**3.1 Proġett tar-restawr tal-pjazza u l-isqaqien taħt Measure 323 tal-EU**

3.1.1 Saret referenza għall-proġett tal-pjazza u dak tal-culvert tal-pjazza. Huwa semma' li fil-preżent qed nistennew sabiex jinbeda l-proġett tal-culvert

sabiex eventwalment jinbeda l-proġett tal-pjazza. Huwa semma' li fuq it-*tender* tal-pavimentar tal-proġett tal-pjazza hemm appell pendenti u qed nistennew id-deċiżżjoni tal-Bord.

3.1.2 Saret referenza għal-laqgħa li saret mal-kuntrattur tas-service culvert li ser isir fil-pjazza u għal qbil li ntlaħaq li fil-jiem li ġejjin isiru t-*trial holes* biex il-kuntrattur jiddetermina fejn huma s-servizzi u jkun jista jinbeda x-xogħol.

**3.2 Proġett tat-tisbiħ/equipment tal-pjazza u l-isqaqien taħt Measure 313 tal-EU Proġett tar-restawr tal-ħitan ta' Triq Wied Merill taħt Measure 323 tal-EU**

3.2.1 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett tar-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Huwa rrefera għall-fatt li dan il-proġett jaqa taħt il-Miżura 323 tal-Unjoni Ewropea. Din hija t-tieni darba li ħarġet l-offerta peress li l-offerti mitfugħa fl-ewwel sejħa ma kinux kompatibbli . L-offerta ser tagħlaq fit-30 t'April 2012 f'nofsinhar.

**3.3 Progett tal-Interpretation Centre tad-Dwejra (PANACEA) taħt il-Proġett tal-EU Italia-Malta**

3.3.1 Saret referenza għall-Interpretation Centre tad-Dwejra u għall-kuntratt li ser isir flimkien mal-Kunsill, mas-sid u l-MEPA sabiex jaqa' l-kuntratt eżistenti li kien iffirmat fl-2007. Ma' dan l-Intrerpretation Centre hemm marbut il-proġett tal-Unjoni Ewropea PANACEA li bil-fondi tiegħu nistgħu nittrasformaw dan iċ-Ċentru f'Ċentru Informattiv dwar l-ambjent ta' taħt il-baħar fid-Dwejra.

3.3.2 Il-Kunsill hawnhekk iddiskuta minn min ser jiġi mmaniġjat il-post u kif ser isir l-iffinanzjar tal-immaniġjar kemm il-darba jitlesta l-proġett. Saret diskussjoni dwar il-possibilta' ta' ntrojtu minn kull min iżuru. Il-Kunsill qabel li għandu jakkwista kopja tal-*feasibility study* kkummisjonat minn Nature Trust biex ikun jista

janalizza minn dan l-istudju jekk l-immingjar ikunx vijabli għal Kunsill dejjem jekk il-*management* tal-post jgħaddi f'idejn il-Kunsill wara li jintemm il-proġett PANACEA.

**3.4 Proġett tal-Underground Bring-in-Sites taħt l-iskema EkoGħawdex**

3.4.1 Waqt il-laqgħa, s-Sindku għamel referenza għall-proġett tal-Underground Bring-in-sites fi Triq Nicholas Monsarrat faċċata tal-Monument ta' Dun Ġużepp Cauchi. Is-Sindku semma' li għal dan il-proġett għandna allokati madwar €18,000 mill-iskema Eko-Għawdex. Il-Kunsillier John Mercieca hawn reġa' tenna d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan il-proġett f'dak is-sit partikolari. Wara diskussjoni li saret sar qbil li din il-kwistjoni għandha terġa titqajjem fil- laqgħa li jmiss u tittieħed deċiżżjoni finali fuqha.

**3.5 Proġett tar-restawr tan-niċċa tad-Duluri mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali**

3.5.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tar-restawr tan-niċċa tad-Duluri li għalih ħadna €6000 mingħand il-Gvern Ċentrali. Ix-xogħol qed isir mill-kuntrattur Joe Grima u mistenni jintemm sal-aħħar ta' Mejju.

**3.6 Patching fi Triq Ċangura u fi Triq Karmnu Grima**

3.6.1 Saret referenza wkoll għall-proġett ta' *major patching* fi Triq Karmnu Grima u Triq Ċangura. Rigward Triq Karmnu Grima sar qbil li għandna nġibu stima sabiex isir *patching* fejn iżomm l-ilma wara r-residenza ta' George Micallef u rigward Triq Cangura qed nistennew lil kuntrattur Gatt Construction sabiex jiġi jagħmel ix-xogħol mogħti lilu.

3.6.2 Rigward il-Patching ta' Triq Karmnu Grima, wara r-residenza ta' George Micallef sar qbil li għandna niġbru stima oħra ta' area iżgħar.

3.6.3 Il-Vici Sindku semma' wkoll il-ħtieġa li jsir xi tip ta' *major patching* fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral quddiem ta' Mabbli Zammit.

**3.7 Applikazzjoni taħt Miżura 125 tal-EU biex isiru tlitt passaġġi fir-raba**

3.7.1 Is-Segretarja rreferiet għall-applikazzjoni li l-Kunsill kien tefa' sabiex tliet passaggi fir-raba jinksew bil-konkos. S'issa għadna qed nistennew il-fażi li jmiss tal-applikazzjoni.

**3.8 Youth Exchange fi Spanja f'Lulju 2012**

3.8.1 Is-Sindku rrefera għall-Youth Exchange li ser tinżamm Spanja bejn it-12 u s-19 ta' Lulju 2012 u għaliha jinħtieġ żewġ leaders. Is-Sindku propona li bħala wieħed mil-leaders għandu jkun Lawrence Cauchi għax ilu jsegwi dawn il-Youth Exchanges u għandu esperjenza f'dan il-qasam. Il-viċi Sindku Anthony Cassar offra li huwa jservi bħala wieħed mil-leaders f'din l-exchange. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**3.9 Ġemellaġġi**

3.9.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-Ġemellaġġ li l-Kunsill għandu ma' Colle Umberto u wkoll għal preparamenti li l-Kunsill għandu mal-kommunita' ta' Marciano Marina f'Isola d'Elba.

3.9.2 Is-Sindku semma' li bħala rikonoxxenza ta' dawn ir-relazzazzjonijiet tajbin li sawwawrna matul is-snin ma' dawn il-lokalitajiet, huwa xieraq li l-ex-Sindku Noel Formosa jkompli jservi bħala Chairperson tas-Sottokumitat tal-Ġemellaġġ.

Il-Kunsill qabel dwar dan u l-Viċi Sindku wera x-xewqa tiegħu li huwa wkoll jkun parti minn dan il-kumitat.

## 4.0 Ħarga għall-anzjani

4.1 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza ħarġa oħra għall-anzjani. Is-Sindku semma' li tkun ħaga sabiħa li xi kunsilliera jakkumpanjawhom. Id-data tal-ħarġa għandha tigi ffissata u komunikata permezz ta' avviż f'kull dar bħas-soltu.

## 5.0 Materji oħra

5.1 Il-kunsilliera Rose Vella tablet sabiex issir pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-periklu tal-ħajt tat-Triq tad-Dwejra.

5.2 Is-Sindku irrefera għall-ħtieġa ta' bini ta' ħitan imwaqqa' ti Triq ir-Rokon, eżattament quddiem il-lukanda. Is-Segretarja semmiet li dak huwa ordnat sabiex isir iżda peress li fl-għalqa hemm iż-żergħa ser isir wara li jsir il-ħsad.

5.3 Is-Sindku semma ukoll li huwa mportanti sabiex kemm jista jkun malajr niġbru stima biex nikkumnikaw il-*water culvert* ta' Triq Nicholas Monsarrat mal-culvert tal-*playing field.*

5.4 Il-kunsillier John Mercieca rrefera għar-resurfacing ta' Triq il-Wileġ u rrefera għal fatt li t-tender tat-triq kien dak li jingħata żewġ pulzieri. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lis-Sur Paul Zahra, l-contract manager ta' dan il-proġett sabiex jagħlaq il-kont u wara naraw kif nistgħu nipproċedu.

5.5 Is-Sindku semma' li kellu talba sabiex il-Kunsill jerġa jtella' kors tal-*keep fit.* Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Radu Gheorghe biex jagħmel dan il-kors.

5.6 Is-Segretarja semmiet li l-komputers tal-kunsill saru slow ħafna u qed itellfu l-ħidma tal-kunsill. F'dan ir-rigward is-Sindku propona li għandu jinxtara jew jinkera *laptop* għal Kunsill. Minn stima li nġabret laptop jista jinkera għall-prezz ta' €21.09 exVAT fix-xahar għal tlett snin u wara jsir proprjeta tal-kunsill. Il-kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ninvestu f'UPS.

5.7 Is-Sindku propona ukoll li għandha ssir ħarġa għal Malta f'Ġunju. Huwa propona li ssir dawra fuq il-Hop-on Hop-off. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbor xi stimi.

5.8 Il-Kuinsilliera Rose Vella tablet sabiex isiru Road Humps f'Triq ir-Rokon. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob il-permess tat-Transport Malta f'dan ir-rigward.

5.9 Il-Kunsillier John Mercieca propona li għandu jinxtara tifkira ta' rikkonoxximent li dawk il-kunsilliera li kienu jservu fil-kunsill preċedenti u li ma ġewx eletti f'din il-leġiżlazzjoni. Is-sindku semma' li f'każijiet bħal dawn wieħed irid joqgħod attent li ma jkunx qed iweġġa' l-emozzjonijiet ta' ħaddieħor għax hemm kunsilliera li huma mweġġa' u jistgħu jħossuhom urtati.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*